

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte suprema di cassazione (l-Italja) fl-10 ta' Awwissu 2017 – proċeduri kriminali kontra MAD Srl

(Kawża C-489/17)

(2017/C 374/25)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte suprema di cassazione

Parti fil-kawża prinċipali

MAD Srl

Domandi preliminari

- 1) L-Anness tad-Deċiżjoni 2014/955/UE ⁽¹⁾ kif ukoll ir-Regolament (UE) Nru 1357/2014 ⁽²⁾ għandhom jiġu interpretati, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-iskart taħt kodiċijiet mera fis-sens li, fejn il-kompożizzjoni tal-iskart ma tkunx magħrufa, il-produttur tal-iskart għandu jwettaq il-karatterizzazzjoni minn qabel tiegħu u, jekk hu hekk, f'liema limiti?
- 2) It-tiftix ta' sustanzi perikolużi għandu jsir skont metodi uniformi predeterminati?
- 3) It-tiftix ta' sustanzi perikolużi għandu jkun ibbażat fuq verifika preċiża u rappreżentattiva li tiegħu inkunsiderazzjoni l-kompożizzjoni tal-iskart, jekk din il-kompożizzjoni tkun diġà magħrufa jew identifikata matul il-fażi ta' karatterizzazzjoni, jew inkella għandha titwettaq skont kriterji ta' probabbiltà, fid-dawl tas-sustanzi li jistgħu raġonevolment jeżistu fl-iskart?
- 4) F'każ ta' dubju jew li ma jkunx possibbli li jiġi ddeterminat b'ċertezza jekk hemmx jew ma hemmx sustanzi perikolużi fl-iskart, dan tal-aħħar għandu, fi kwalunkwe każ, jiġi kklassifikat u kkunsidrat bħala skart perikoluż, b'applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawżjoni?

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/955/UE, tat-18 ta' Diċembru 2014, li temenda d-Deċiżjoni 2000/532/KE dwar il-lista ta' skart skont id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 370, p. 44).

⁽²⁾ Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1357/2014, tat-18 ta' Diċembru 2014, li jieħu post l-Anness III tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li jħassar ċertu Direttivi (ĠU 2014, L 365, p. 89).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte di Appello di Trento (l-Italja) fl-14 ta' Awwissu 2017 – Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca – MIUR vs Fabio Rossato, Conservatorio di Musica F.A. Bonporti

(Kawża C-494/17)

(2017/C 374/26)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Corte di Appello di Trento

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellant: Ministero dell'Istruzione, dell'Università e della Ricerca – MIUR

Appellant inċidentali: Fabio Rossato

Konvenut: Conservatorio di Musica F.A. Bonporti

Domanda preliminari

Il-klawżola 5(1) tal-Ftehim qafas bejn CES, UNICE u CEEP fuq ix-xogħol għal żmien determinat, anness mad-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999⁽¹⁾, għandha tiġi interpretata fis-sens li din tipprekludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 1(95), (131) u (132) tal-Liġi Nru 107/2015 tal-Istat Taljan, li d-dispożizzjonijiet tiegħu jipprevedu, għall-għalliem, it-trasformazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol għal żmien determinat f'relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat għall-ġejjieni, mingħajr effett retroattiv u mingħajr kumpens għad-dannu, bħala miżuri li huma ta' natura proporzjonata, suffiċjentement effettiva u dissważiva sabiex tiġi ggarantita l-effikaċja sħiħa tar-regoli tal-ftehim qafas għal dak li jikkonċerna l-ksur tiegħu permezz tal-użu abbużiv ta' kuntratti għal żmien determinat suċċessivi matul il-perijodu preċedenti għall-perijodu li għalih il-miżuri previsti minn dawn ir-regoli huma intenzi sabiex jipproduċu l-effetti tagħhom?

⁽¹⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss [żmien determinat] konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbeidshof te Antwerpen (il-Belġju) fil-21 ta' Awwissu 2017 – Christa Plessers vs NV PREFACO u Belgische Staat

(Kawża C-509/17)

(2017/C 374/27)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Arbeidshof te Antwerpen

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Christa Plessers

Konvenuti: NV PREFACO u Belgische Staat

Domandi preliminari

Id-dritt tal-għażla mogħti liċ-ċessjonarju fl-Artikolu 61(4) tal-wet betreffende de continuïteit van de ondernemingen (liġi relatata mal-kontinwità tal-impriżi) tal-31 ta' Jannar 2009 (li sar l-Artikolu 61(3) ta' din il-liġi), dispożizzjoni li tagħmel parti mill-Kapitolu 4 tat-Titolu 4 ta' din il-liġi Belġjana li fih hija rregolata r-“riorganizzazzjoni ġudizzjarja permezz ta' trasferiment taħt l-awtorità tal-ġustizzja”, huwa konformi mad-Direttiva tal-Kunsill 2001/23/KE⁽¹⁾, tat-12 ta' Marzu 2001, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mas-salvagwardja tad-drittijiet tal-impjegati fil-każ ta' trasferiment ta' impriżi, negozji jew partijiet ta' impriżi jew negozji, u b'mod partikolari mal-Artikoli 3 u 5 ta' din id-direttiva, sa fejn din ir-“riorganizzazzjoni ġudizzjarja permezz ta' trasferiment taħt l-awtorità tal-ġustizzja” hija applikabbli bl-għan taż-żamma taċ-ċedent kollu jew parti minnu jew tal-attivitajiet tiegħu?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 98.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Okresný súd Bratislava II (is-Slovakkja) fit-22 ta' Awwissu 2017 – proċeduri kriminali kontra ML

(Kawża C-510/17)

(2017/C 374/28)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Okresný súd Bratislava II